# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mallia)

Vs

Luke-Sant Berry

Kawza tad-Distrett tan-Naxxar

Illum, 4 ta` April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Luke Sant-Berry, 32 sena iben Agostino u Irene nee' Vella, mwieled Pieta' fil-11/04/1991 u residenti gewwa 14, 'Madonna ta' Pompei', Misrah Brittanja, Mosta detentur tal-karta tal-identita' 202991 (M) akkuzat talli nhar is-17 ta' Gunju 2023 ghal habta ta' bejn 18:15 hrs u 18:20 hrs gewwa Triq il-Mosta, Naxxar

1. Volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn € 250 izda anqas minn € 2500 ghad-dannu ta' Maria Berry
2. U aktar talli volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju.
   Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Berry skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Rat l-affidavit ta' PC 602 N Tabone Borg; semghet ix-xhieda ta' Peter Caruana fejn ezebixxa dokument Dok A fis-seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2023, Gail Berry fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023 llkoll prodotti mill-prosekuzzjoni. Semghet ix-xhieda ta' l-imputat Luke Sant Berry u Irene Sant fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, prodotti mid-difiza.

Rat il- PC report li qed jigi mmarkat Dok B u r-rifjut tal-parir legali datat 27 ta' Gunju, 2023 mmarkata bhala dok. C ezebit mill-Ispettur Joseph Mallia fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023,

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023 Maria Berry ikkostitwixxit ruhha bhala *parte civile.*

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023 il-partijiet ghalqu l-provi taghhom;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikoli 325 (1)(b), Art. 338(dd), art 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Affidavit ta' PC 602 N. Tabone Borg** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Ix-xhud jiddikjara li nhar is-27/06/2023 gewwa l-ghassa tan-Naxxar dahal rapport minn Maria Berry fejn stqarret li nhar is 17 ta' Gunju, 2023 ghal habta ta' 18:15-18:20 hrs kien mar l-imputat li jigi l-ex ragel tat-tifla taghha, Gail Berry, quddiem ir-residenza taghha numru 28, MarBerry, Triq il-Mosta, Naxxar fejn dan habbat fuq il-bieb u wara baqa'

jhabbat u bdiet tizdied il-forza u Maria stqarret li beda' jaghti bis-sieq gol bieb u li l-l-bieb dahal minn gewwa minn isfel u kien sar hsara fuqu u fuq il-lock u kien hemm xi grief. Dwar dan l-incident kienu cemplu lil pulizija dak in-nhar stess fejn kienu kellmu lil imputat u dan wara telaq minn fuq il-post. Il-kwerleanta stqarret li hi ma kienetx kellmitu dakkinhar tal-incident u pprovdied stima tal-hsara allegatament ikkagunata mill-imputat.

Fuq il-post tal-incident kien hemm x-xhieda Gail Berry u Brian Paul Avellino u ttiehdet id-dikjarazzjoni taghhom.

Nhar 27 ta' Gunju, 2023 ghal habta ta 20:13hrs gie irraporta Luke Sant Bery fejn wara li spjegat ir-rapport u x' qed jigi allegatm gie moghti d-drittijiet legali tieghu li huma d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu kif ukoll d-dritt ta' silenzju fejn Luke Sant Berry stqarr li mhux ha jkellem l-avukat ghalissa izda li l-quddiem sew jaghti l-verzjoni tieghu. L-imputat stqarr li dak in-nhar tal-incident kien il-week-end tal-father's day u omm it-tifel bghatitlu messagg li t-tifel ma jiflahx. Jghid li din mhux l-ewwel darba li grat u li kienu ftehmu quddiem il-medjatur u l-avukat tieghu li kellu jiehu t-tifel. Hu bghatilha messagg lura "its not true, i'm coming as usual." Imma omm it-tfiel ma bghatitlux lura. Ghal habta ta' 18:00 hrs mar ihabbat il-bieb biex tiftahlu u ghamel xi kwarta fuq il-post, kien hemm il-karozza taghhom quddiem il-bieb u wara gew il-Pulzija.

L-imputat gie mistoqsi dwar l-allegat daqqiet bil-forza fuq il-bieb ta' barra tar-residenza u rrisponda li dan mhux veru. Zied jghid li wara li gew il-Pulziija kelmuh u talbuh jitlaq minn fuq il-post huwa telaq.

Rigward dan ir-rapport giet mitkellma ukoll Irene Sant li tigi omm l-imputat. Stqarret li hi kienet ipparkjata quddiem il-bieb minhabba li hi frekwentement tmur ghat-tifel ta' Luke. Tghid li mhux veru li Luke uza xi forza fuq il-bieb. Habbat il-bieb normali, stennew u rega habbar u stqaret li damu madwar kwarta quddiem il-bieb.

**Peter Caruana** xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023. Jikkonferma stima fuq xoghol ta' bieb ta' barra li huwa hejja li jammonta bhala total ghal xi € 490 (Dok. A). Jixhed li hu fl-ebda' hin ma ghamel ix-xoghol u li minn naha tieghu stima biss kien hareg.

**Gail Berry** xehedet fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023. L-imputat, li qed taghraf fl-awla, huwa l-ex ragel taghha u ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni.

Hi u t-tifel minuri jirrisjedu fir-residenza ta' ommha, Mary Berry gewwa n-Naxxar.

Tixhed li hi u l-imputat ghandhom ftehim bonarju bejn l-avukati dwar l-access. Dak in-nhar it-tifel kien ilu minn filghodu ma jiflahx u informat lil imputat li ma jiflahx u mhux ser imur ghal access dak in-nhar. L-imputat irrispondieha li mhux vera, li qed tigdeb u li ser idahhal ic-child protection services u hi ma rispondietux.

Fuq l-imputazzjonijiet tixhed

> "ghas-6:20 nisimghu l-bieb ta' barra t' ommi jitrieghed daqqiet ta' sieq daqqiet ta' ponn bdejt nibza li dal-bieb ha jinfaqa hrigna nittawlu minn fuq il-bejt naraw lil Luke jissara u jaghti mal-bieb kien hemm ommu ezatti quddiem il-bieb tisstennieh ilesti igifieri litteralment hemm thares lejh narawh hekk sejjer hekk mal-bieb u jiena cempilt lil pulizija biex jitnehha minn fuq il-post ghax konna jien ommi il-partner tieghi u zewgt it-tfal zghar bzajt. "

Tixhed li kienet hi li cemplet ghall-assitenza tal-Pulizija li gew u nehhewh minn fuq il-post.

**Mary Berry, il-**_parte civile,_ xehdet fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023. It-tifla taghha Gail Berry u n-nepputi qeghdin joqoghdu maghha fir-residenza 28, Malberry, Mosta Road, Naxxar wara li bdiet is-separazzjoni minn mar-ragel taghha Luke Berry.

It-tifel li ghandu tlett snin u Gail li ghandha tletin sena joqghodu fil-parti ta' fuq tad-dar fejn kienu joqghodu hi u Luke Sant Berry sew qabel izzewgu u anke wara li zzewgu sakemm marru d-dar tal-Mosta taghhom.

Fuq l-incident tixhed li dan sehh fil-17 ta' Gunju, 2023. Tixhed li meta dahlet id-dar il-bieb ma kellu xejn. Bintha Gail qatilha li l-minuri kien ma jiflahx u missieru ma huwiex ser jiehdu ghal access ghaliex it-tifel kien ma jiflahx sew. Kien hemm drabi fejn it-tifel kien ma jiflahx u mar xorta ghall-access. Tixhed.

Xhud: . . . omissis . . . f' hin minnhom habbat il-bieb u billi ma kontx qed nistenna ittawalt mil-gallarja u nara lil Luke ghax mil-gallarija tieghi jigi ezatt fuq il-bieb ta`barra u kien qieghed hemm, ghedt it-tifla ghedtilha hawn Luke qaltli hallih ghax it-tifel mhux se jmur il-bieb baqa`jhabbat ghax dak iz-zmien ma kellux qanpiena ihabbat ihabbat dan ihabbat il-bieb issa malli nohrog mil-kcina ghandi il-bieb ghal-isfel jigi quddiem il-

bieb ta`barra u jien mil-bieb fhin minnhom anka il-bieb minn naha ta isfel rajt id-dawl igifieri minn kien wara l-bieb li kont ghadni rajt mil-gallarija li huwa Luke u baqa`hemm ihabbat minn isfel il-bieb beda jinfetah bit-tahbit li kien qed isir fuq il-bieb."

" Avu: U kif ghax inti qed issejahhlu tahbit xtip ta tahbit?

Xhud: Hekk uu thabbat ghax qanpiena ma kelliex bhekk kienu ihabbtuli fuq il-bieb ifhem thabbat il-bieb tiftah mhux problema ta xejn imma jien bdejt nibza ghedt li l-bieb ha jinqalgha ghax mghandix xi lock it dint really have a hard back anyway, it-tifla qaltli tikkonfondi xejn ha ncempel il-pulizija jiena qadt fit-tarag u l-bieb hekk quddiemi il-bieb ta barra hekk u l-pulizija gew u kont qed nisma smajtu jkelmu lil Luke u mbaghad xhin rega habbat il-bieb il-pulizija qalli sinjura jien a l-pulizija iftah jien ma ftahtx mal-ewwel ghaliex."

Tghid li hsara fil-bieb kienet tikkonsisti li l-bieb gie imhaffer in-naha fejn hemm ic-cavetta u li l-bieb ma setghax jinghlaq. Gabet stima u ghaddieta lil pulizija.

Ix-xhud tgharaf lil imputat fl-awla.

Ma ntqalx diskors minn naha tal-intimat, l-istorbju kien jikkonsisti fit-thatbit fuq il-bieb.

In kontro-ezami tirrispondi li l-bieb imsewwi bicca ghax il-lock riedu insewwuh ghax ma setghax jinaghlaq. Il-lock li kellha l-antik jinghalaq bic-cavetta normali.

Tiftakar li l-gurnata kienet is-Sibt.

Provi difiza

**Luke Sant Berry,** l-imputat xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023. Il-gurnata tal-incident kien is-Sibt lejliet il-father's day. 1

Mistoqsi fuq il-hsarat fuq il-bieb jirrispondi li l-bieb kien bis-serratura normali bic-cavetta. Il-bieb jiftakru ghaliex kien joqghod f' dik id-dar mal-ex mara tieghu.

Fuq dak in-nhar tal-incident jghid li dak in-nhar l-ex mara tieghu bghatitlu messagg li t-tifel mhux se jigi. Jghid li din mhux l-ewwel darba li grat.  L-imputat jghid li mar xorta ghat-tifel.

> "Xhud: Jien mort qadt inhabbat ghamilt xi 20 minuta inhabbat ghalkemm kienu kollha hemm ghax il-karozzi kienu kollha hemm hadd ma kellimni minnhom u fis-sew u lhin nara 3 pulizija gejjin ghalija 3 irgiel."

Jichad li kisser il-bieb ta' barra.

Misotqsi in kontro-ezami ghalfejn minkejja li ricieva messagg li t-tifel ma jiflahx mar xorta jirrispondi li hu kien wiegibha li xorta kien sejjer ghat-tifel u hi ma wegbitx.

Jghid li mar xorta ghaliex ma kellux prova li ma jiflahx.

**Irene Sant,** omm l-imputat, xehedet fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2024. Dak in-nhar tal-incident hi, r-ragel u t-tifel Luke Sant marru bhas-soltu biex jigbru lil minuri.

> "Xhud: Morna is-soltu biex nigbru it-tifel u kif morna konnha jiena ir-ragel u it-tifel Luke Sant fil-karozza nizel Luke biex ihabbat halli ittih lit-tifel u baghtitlu messagg biex jerga lura ghax mhux ha ttijulu it-tifel."

Il-messagg li bghatilu l-ex-mara tieghu ma ratux. Tghid li t-tifel taghha kien jaf li mhux vera ma jiflahx it-tifel ghaliex is-soltu l-omm tghidilhom biex meta jkun ghandhom jtuh il-medicina.  Gurnata jew jumejn qabel it-tifel kien ghandhom.

Mistoqsija mill-Qorti ghaliex marru t-tlieta li huma tirrispondi

"Xhud: Ghaliex konnha hergin kien is-Sibt u konnha hergin jew il-Gimgha ma niftakarx ezatt, konnha hergin flimkien u domna nistennew dam ihabbtulha ihabbtilha u ma fethitlux umabghad fil-hin u l-mument gew 3 pulizija gew ghalih umbagahd tkellmu bejniethom ma kontx naf xìnhuma jghidu ghax ahna konnha fil-karozza jien u r-ragel tieghi shemmekk nista nghid."

Mistoqsija mill-Qorti jekk kienx hemm xi danni fil-bieb tirrispondi

"Xhud: No no it-tifel habbat bhan-nies is-soltu u rajt li forsi habbat xi ftit naqra iktar biex forsi tisimghu ghax forsi ma sematghux imma risposta xejn ma kellna."

<u>Mistoqsija in kontro-ezami</u> jekk il-messagg li l-minuri ma jiflahx baghtitulx qabel marru tirrispondi li iva. Marru xorta ghaliex kienu jafu li mhux veru.

Mistoqsija fejn kienet waqt li l-imputat kien qed ihabbat mal-bieb tirrispondi li hi baqghet fil-karozza.

Ikkunsidrat,

L-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh meta l-imputat flimkien mal-genituri tieghu mar jigbor lit-tifel ghal access bonarjament miftiehem u dan minkejja li l-omm kienet avvzat lil missier li t-tifel kien dak in-nhar ma jiflahx. Il-gurnata kienet fil-week-end tal-father's day.

Mill-provi jirrizulta li l-imputat mar quddiem ir-residenza tal-*parte civile*, Mary Berry, li hija omm il-mara tieghu, u beda jhabbat mal-bieb ghal madwar ghoxrin minuta sakemm waslu l-pulizija u talbuh jitlaq minn fuq il-post.

Ikkunsidrat.

<u>Fl-ewwel imputazzjoni</u> l-imputat gie akkuzat bi hsara volontarja ghal hsara li tammonta ghal aktar minn € 250 izda anqas minn € 2500 ghad-dannu ta' Maria Berry. L-allegat hsarat saru meta l-imputat habbat fuq il-bieb ta' barra tal-parte civile. Il-quantum tal-

hsara gie stabilit minn stima provduta mill-parte civile konfermata minn Peter Caruana li xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2023. L-istima fuq xoghol ta' bieb ta' barra li jammontaw bhala total ghal xi € 490 (Dok. A). Jixhed li hu fl-ebda' hin ma ghamel ix-xoghol, minn naha tieghu stima biss kien hareg.

L-istima li giet pprezentata kienet ghal serratura mottura (Eur 180), iffittjar tas-serratura Eur 80 u xoghol ta' xkatlar u lostru tal-bieb eur 230 ( Dok A ikkonfermat minn Peter Caruana.)

Mil-provi prodotti gie stabilit li l-bieb ghandu cavetta normali u mhux tat-tip mottura. L-istima ta' xkatlar u lostru tal-bieb ma tikkorrispondiex mal-allegat hsarat li saru mill-imputat waqt l-incident.

Il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma gietx ipprovata.

<u>Fit-tieni imputazzjoni</u> l-imputat gie akkuzat li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju.

Il-Qorti tikkunsidra li gie ipprovat li l-imputat ghamel circa ghoxrin minuta jhabbat mal-bieb ta' barra tal-*parte civile* u li waqaf biss ghaliex gew il-Pulizija.

Mill-provi jirrizulta ukoll li kien avvzat permezz ta' messagg li t-tifel kien ma jiflahx u li l-access ma setghax isir. Minkejja dan l-imputat iddecieda li dan ma huwiex minnu u mar xorta ihabbat mal-bieb ta' barra ghal hin twil fuq il-bieb tar-residenza fejn kien jaf li kien hemm ibnu minuri. Li l-imputat ghamel dan il-hin kollu jhabbat mal-bieb huwa konfermat minnu stess u minn ommu Irene Sant li xehedet f' dawn il-proceduri. Dan l-agir huwa censurabbli u ma ghandux jirripeti ruhu. Din l-imputazzjoni giet ipprovata.

Fic-cirkostanzi tqis aktar idoneju li tinhareg ordni ai termini tal- artikolu 412C u mhux 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Decide

Ghaldaqstant, wara li rat l-artikolu 325 (1)(b), Art. 338(dd), art 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-waqt li tillibera lil imputat Luke Sant-Berry mill-ewwel

imputazzjoni, issibu hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal mitejn euro malta (200)

Inoltre qed tinhareg Ordni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Ordni tifforma parti intergrali ta din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lil imputat bil-portat ta' tali Ordni.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**